Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

Novembru 2023

Ħarġa Nru 34



Hbieb il-Kappelli Maltin

**PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta**
*e-mail:* ***kappellimaltihbieb@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2023—2025**

**President**
Valent Xuereb

**Viċi-President**
(vakant)

**Segretarju**
Adrian Schinas

**PRO Editur Fuljett**
Norbert Gingell

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Membru responsabbli mill-attivitajiet**
Owen Caruana

**Membru**
Godfrey Mangion
Rita Buhagiar
Rose-Anne Mamo
Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-knisja ta' San Anton Abbati fix-Xgħara Għawdex

Għeżież Membri u Ħbieb,

F'Ottubru bdejna s-sena ġdida ta' attivitajiet billi għamilna quddiesa fil-kappella tà Santa Luċija fin-Naxxar u wara żorna l-mużew tal-Parroċċa tan–Naxxar li għadu kemm fetaħ. Għax-xahar ta' Novembru se norganizzaw attività b' ħarġa fil-lokalità tà San Ġwann. Aktar informazzjoni fid-dettal dwar x'kappelli ser inżuru issibuha fiċ-ċirkolari li ntbagħatitilkom separatament.

Infakkru li din is-sena hija t-12-il sena minn meta twaqqfet l-Għaqda. Għal dawk li m'ilhomx membri fl-Għaqda, ta min jgħid fil-qosor kif bdiet l-Għaqda. Is-sur Louis Fenech, veteran fl-Għaqda, jgħid li l-Għaqda twaqqfet f'Ottubru 2011 iżda qabel għadd żgħir ta' persuni li kienu jinteressahom il-kappelli u l-knejjes u li kienu jaqsmu bejniethom informazzjoni li kienu jiġbru fuq is-sit elettroniku *kappellimaltin.com* iddeċidew li jwaqqfu għaqda għal dawk bħalhom li kienu interessati f'dawn l-ispazji sagri. Kien fl-10 ta' Lulju 2011 meta saret Laqgħa Fundatorja fil-Kappella ta' San Pawl tà Ħ'Attard u li għaliha attendew għadd sabiħ ta nies fejn ġie spjegat lilhom l-iskop tal-għaqda. Fl-24 t' Ottubru saret laqgħa oħra fejn statut proviżorju ġie ppreżentat lil dawk preżenti. Dakinhar ġie elett l-ewwel kumitat, fejn wara li dan l-istatut ġie diskuss u amendat, ġie approvat f'laqgħa oħra li saret fil-5 tà Novembru 2011.

Minn dak inhar 'l hawn l-Għaqda organizzat tà kull sena attivitajiet bejn Ottubru u Ġunju ħlief fi żmien il-pandemija tal-COVID 19. Nisperaw li l-Għaqda tkompli tevolvi u tiġġenera ruħha bħal ma għamilna f'dan il-fuljett.

Grazzi dejjem tal-appoġġ tagħkom. Narawkom.

*N. Gingell*
*Għal Kumitat*



Quddiesa fil-kappella tà Santa Luċija, Naxxar

# Il-Knisja ta' San Anton Abbati
# Ix-Xagħra Għawdex

### Kitba ta' Roderick Busuttil



Il-faċċata tal-knisja ta' San Anton Abbati

F'żona magħrufa bħala l-*Qaċċa,* li hija l-iktar parti għolja tax-Xagħra' insibu l-kappella antika ddedikata lil San Anton Abbati. *Casal Caccia* kien l-isem lix-Xagħra kien magħruf bih fl- imgħoddi.

San Anton Abbati għex bejn is-snin 251 u 356, magħruf ukoll bħala *Sant'Antnin il-Kbir* u *Sant'Antnin tad-Deżert* fost ismijiet oħrajn. Dan hu qaddis mill-Eġittu li -festa tiegħu ssir fis-17 ta' Jannar fil-Knisja Kattolika u fit-30 ta' Jannar fil-Knisja Koptika. Sant'Anton hu l-qaddis patrun tal-annimali u tal-mard tal-ġilda fost ħwejjeġ oħrajn. Il-marda "*l-Ħruq ta' Sant' Antnin*" (*Herpes Zoster*) hi msemmija għalih.

I d-devozzjoni lejn San Anton Abbati f'Għawdex tmur lura sew, hekk li fl-1400 diġà kien hemm kappella żgħira ddedikata lilu fil-parti magħrufa bħala *Hainxeibe* (*Għajn Xejba*). Kienet ġiet mibnija mill-familja De Camire Hinzi li ħallew benefiċċji biex issir l-festa ta' dan il-qaddis f'din il-kappella, biex jitqassam ħobż u nbid ukoll fil-festa u biex il-knisja tinżamm f'kundizzjoni tajba. Mons Pietru Dusina sab li din il-kappella kellha ċimiterju żgħir imdawwarb'ħajt quddiemha, imma la kella bieb u lanqas ornamenti.



Ħnejjiet bil-ponta

Il-kappella reġgħet inbniet mill-ġdid fl-1601 b'forma rettangolari, b'żuntier fuq quddiem li kien jintuża bħala ċimiterju. F'rapport ta' żjara pastorali li saret fl-1608, din il-kappella nstabet f'kundizzjoni tajba ħafna. Maż-żmien il-knisja reġa'kellha titkabbar minħabba li l-kongregazzjoni kienet dejjem tizdied. Żdied kampnar żgħir, fejn kienet tqiegħdet qanpiena. Il-kappella ġiet abbandunata fl-1644 skont ma' jingħad fil-viżta pastorali tal-isqof Balaguer Camarasa.


Ħarsa minn ġewwa tal-knisja ta' San Anton Abbati

Il-knisja serviet bħala l-ewwel parroċċa tar-raħal tax-Xagħra u damet isservi bħala parroċċa sal-1692.

Il-bidu tas-seklu dsatax kien mill-aktar żminijiet koroħ għal din il-kappella minħabba li kienet fiċ-ċentru tal-imxija tal-pesta tal-1814. Il-pesta kienet faqqgħet f'Malta fl-1813, imma minħabba prekawzjonijiet drastiċi, din laħqet lil Għawdex biss fis-sena ta' wara, fl-1814. Jingħad li l-pesta laħqet Għawdex permess ta' għonella li kienet ta' mara li mietet bil-pesta f'Malta. Ċertu Anġlu Galea mix-Xagħra kien ġab din l-għonella infettata għal bintu Rosaria. Dawn it-tnejn kienu l-ewwel żewġ vittmi tal-pesta f'Għawdex u flimkien mas-sagristan tal-kappella, Casimiro Rapa, kienu ndifnu fil-kappella ta' San Anton Abbati. Din il-pesta ġarret magħha 104 persuni mix-Xagħra, u l-inħawi tal-kappella kienu l-iktar li ntlaqtu ħażin.

Biex tiġi kontrollata l-pesta affarijiet li kienu fil-kappella, inkluż il-kwadru titulari, kellhom jiġu maħruqin. Sar tentattiv biex jiġi salvat id-damask tal-knisja, u dan inżamm għal iktar minn xahar taħt l-ilma fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra biex b'hekk jiġi dekontaminat bil-qawwa tal-melħ. Iżda l-unika effett li l-melħ tal-baħar kellu fuq dan id-damask kien li fl-aħħarnett qerdu.

Fl-1942 fit- tieni gwerra dinjija din sfat milquta minn bomba fi ħbit tal-għadu mill-ajru. Kellha tiġi ipprofanata mill-Isqof t'Għawdex il-monsinjur Mikiel Gonzi, minħabba li kienet f'periklu li tiġġarraf.


San Marzjal martri

Ix-xogħol biex terġa tinbena sar mill-ewwel tant li l-knisja infetħet u ġiet ikkonsagrata mill-ġdid f'Settembru tal-1947. Il-knisja reġgħat ġiet imkabbra u quddiemha nbena zuntier ġdid fl-1955. Wara dan ix-xogħol il-knisja reġgħat tbierket mill-Isqof Pace fl-1955. Fl-1993 reġa' nħass il-bżonn li l-knisja terġa' titkabbar mill-ġdid. Il-faċċata nbiddlet minn waħda sempliċi għal waħda aktar ornamentali, u ttella' wkoll kampnar ġdid.

Bit- tibdil li sar f il-faċċata il-bieb prinċipali tal-knisja ġie mdawwar b'kolonni Joniċi li fuqhom iżommu pediment triangulari. Hemm ukoll erba' niċeċ vojta li jżejnu il- faċċata. Inbena wkoll kampnar ġdid fuq in-naħa tax-xellug tal-faċċata, filwaqt li nbidel il-kampnar żgħir oriġinali li kien hemm fuq il-bieb tal- knisja tal-1601, biex sar ieħor minfloku. Fuq il-kampnar il-ġdid tpoġġa salib tal-kavallieri tat-tmien ponot minflok is-salib oriġinali.



Pittura tat-titular

Minn ġewwa, il-kappella tagħti sens ta' ġabra lil kull min jidħol fiha. Il-kwadru titulari li naraw illum sar fl-1818 u ġie mpitter minn dun Salv Bondi u juri lil qaddis San Anton Abbati jitlob f'għar biex in-nies tax-Xagħra jinħelsu mill-flagell tal-pesta. Fil-pittura jidhru l-kampijiet li ntuzaw biex iżommu n-nies tax-Xagħra u lis-suldati f'dan iż-żmien ikraħ. Minn ġewwa, il-kappella tagħti sens ta' ġabra lil kull min jidħol fiha. Il-kwadru titulari li naraw illum sar fl-1818 u ġie mpitter minn dun Salv Bondi u juri lil qaddis San Anton Abbati jitlob f'għar biex in-nies tax-Xagħra jinħelsu flagell tal-pesta. Fil-pittura jidhru l-kampijiet li ntuzaw biex iżommu n-nies tax-Xagħra u lis-suldati f'dan iż-żmien ikraħ. Fil-knisja hemm kwadru ieħor antik li juri l-martirju ta' San Marzjal, Isqof ta' Limoges. Dan il-kwadru kien it-titular ta' kappella oħra li llum



Via Sagra

m'għadhiex teżisti. Il-pittura turi lil dan l-isqof marbut ma' zokk ta' sigra, u manigold lest biex jaqtagħlu rasu. Fuq in-naħa tax-xellug tal-kwadru tidher figura ta' raġel bid-daqna, li tirraprezenta lil San Anton Abbati. Fortunatament dan il-kwadru sabiħ ġie salvat u llum nistgħu ngawduh f'din il-knisja.


L-artal ewlieni

F'din il-knisja wieħed isib statwa ta' Sant' Anton li turi lil dan il-qaddis bil-ħanżira maġenbu. Insibu ukoll vara tas-Sagra Familja. Rappreżentazzjoni tas-Sagra Familja tidher ukoll f'mużajk fuq in-naħa ta' barra tal-knisja.

Fix-Xagħra għadha tiġi ċċelebrata bil-kbir il-festa ta' San Anton Abbati, protettur tal-annimali. Din issir nhar l-ewwel Ħadd wara s-17 ta' Jannar, fejn tfal, żgħażagħ u kbar iġibu kull xorta ta' annimali minn għasafar, klieb u qtates sa bhejjem kbar bħal żwiemel u ponijiet biex skont it-tradizzjoni li nżammet, l-isqof t'Għawdex iberikom. Wara ssir purċissjoni bl-istatwa tant sabiħa ta' dan il-qaddis. Il-barka sagramenta tagħlaq il-festa.

Il-knisja tinsab f'kundizzjoni tajba ħafna u tinfetaħ regolarment għall-quddies.

informazzjoni mehuda mis-sit
www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell


Via Sagra

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu Ta' Ħamet l/o Xewkija Għawdex

**Kitba ta' Jonathan Farrugia**


Il-Knisja tal-Mżdonna tal-Karmnu f'Ta Ħamet l/o Xewkija

Fix-xaqliba ta' bejn ix-Xewkija, il-belt Victoria u x-Xagħra insibu medda ta' art imsejħa "*Ta' Ħamet*", firxa ta' art tassew sabiħa, kollha għelieqi maħdumin, eżempju mill-aqwa ta' pajsaġġ tradizzjonali Għawdxi.

F'nofs l-għelieqi, għall-kenn tal-għolja tan-*Nuffara*, tidher knisja żgħira, l-eqdem knisja tal-Madonna tal-Karmnu li għadha teżisti ġewwa Għawdex. L-oriġni tagħha joħodna lura għal żmien il-ħakma Franċiża tal-gżejjer Maltin.

Il-miġja tal-Franċiżi f'Malta u Għawdex għal bidu ntlaqgħet bil-ferħ iżda l-Franċiżi , wara li għamlu diversi liġijiet ġodda, il-poplu Malti qam qatta' bla ħabel kontrihom. Fost il-mexxejja tal-Għawdxin f'din ir-rivolta kien hemm l-arċipriet dun Saver Cassar, Liberato Grech u l-avukat Giuseppe Grima. Grech, li kien propjetarju ta' xi artijiet mix-Xagħra. Liberato Grech ħa ħsieb iħarreġ il-voluntiera tax-Xagħra u tax-Xewkija. Dan it- taħriġ sar f'dar li għadha teżisti u tinsab eżatt faċċata tal-knisja tal-Madonna tal-Karmnu f'Ta' Ħamet.

Wara li telqu l-Fanċiżi, Liberat, li kien imlaħħaq Kmandant Provinċjali kompla l-ħajja ta' qabel fil-kwiet ta' artijietu. Hu baqa ' magħruf bħala raġel umli u ta' qalbu tajba, dejjem lest li jgħin ill-proxxmu.

Il-knisja tal-Madonna tal-Karmnu nbniet kollha bi flus Liberato Grech u martu bħala ringrazzjament lill-Madonna talli rnexxiet ir-rewwixta kontra l-Franċiżi. Mhix magħrufa d-data meta nbeda x-xogħol tal-bini. Tbierket mill-kanonku Salvatore Grech, iben Liberato stess, nhar l-ewwel tas-sena 1837, erba' xhur qabel il-mewt ta' Liberato. L-art li fuqha nbniet il-knisja kienet tal-familja Grech, li dak iż-żmien kienu jaqgħu fil-limiti tar-Rabat t'Għawdex. Il-koppja Grech għammruha b'dak kollu meħtieġ biex fiha jkun jista' jsir is- servizz liturġiku.

Għal aktar minn mitt sena din il-knisja baqgħet kif kienet mingħajr ebda bidla notevoli. Bil-ħidma ħabrieka ta' dun Ġużepp Mizzi fl-1949 inġiebet statwa tal-Madonna ta' Fatima. Din l-istatwa ġiet imbierka u nkurunata mill-Papa Piju XII qabel waslet Għawdex.

Fis-snin ħamsin tas-seklu għoxrin sar ħafna xogħol biex tkompli tissebbaħ din il-knisja devota. Fl-1952 sar altar ġdid tal-irħam li ħa post dak oriġinali tal-ġebel li kien hemm qabel. Ġie kkonsagrat, flimkien mal-knisja, fis-26 ta' Lulju tal-istess sena mill-Isqof ta' Għawdex mons. Ġużeppi Pace. Karlu Vella, minn Ta' Kerċem, bena ż-żewġ kampnari li hemm fil-faċċata tal-knisja f'Ottubru tal-1958 taħt it-tmexxij tal-perit Ġuże' D'Amato. Fl-1966 inġiebet l-istatwa tal-injam tal-Madonna tal-Karmnu minn Milan.

Matul is-snin tmenin din il-knisja ġiet irrestawrata b'mod estensiv għax kienet verament fil-bżonn. L-art li hi mibnija fuqha kienet taflija ħafna u biż-żmien kienet bdiet iċċedi. Lejn l-1982 kienet fil-periklu li taqa', u fil-fatt kienet se titwaqqa' u tinbena mill-ġdid sakemm instab mod kif tissaħħaħ l-art minn taħt. B'hekk ġiet salvata. Minn ġewwa meta wieħed iħares lejn l- arkati ta' bejn il-pennakki tan-naħa tal-lemin jara l-ġebel kien diġà beda jiċċaqlaq minn postu. Fis-sena 1988 beda l-bini ta' sala kbira maġenb il-knisja, fuq in-naħa



It-titular tal-Madonna tal-Kermelu

Dawn jinfdu permezz tas-sagristija. Dan sar minħabba li n-numru ta' nies li jmorru għall -quddiesa f'din il-knisja nhar ta' Ħadd tant kiber li l- knisja l-oriġinali ma baqgħetx tesahom. Għalhekk il-quddiesa normalment issir fis-sala. Infetħet mill-ġdid fis-17 ta' Ġunju 1991.

Minn ġewwa l-knisja għandha forma kwadra u mhix kbira ħafna. Fiha erba' pilastri li Is-saqaf huwa ċirku ċatt - qisu kien hemm il-ħsieb li xi darba setgħet tinbena koppla imma mbagħad tħassar kollox.

Bla dubju l-ewwel ħaġa li tiġbed l-attenzjoni ta' min jidħol f'din il-knisja hija l-pittura al-Madonna tal-Karmnu, wara l- altar maġġur. Hija xogħol Tommaso Madiona (1804- 1864) li sar fl-1837. Fiha jidhru l-Madonna u l-Bambin bil-labtu f'idejhom, imdawwrin b'ħafna anġli żgħar. Taħt il-Madonna jidher pajsaġġ tipikament Għawdxi u fin-nofs tidher il-kappella ta' Ħamet kif kienet oriġinarjament, jiġifieri mingħajr il-kampnari.



Saqaf impitter

Fiha żewġ altari oħra, wieħed iddedikat lill-Kurċifiss u l-ieħor lil San Mikiel. Tal-Kurċifiss fih pittura ta' Antonio Apap mix-Xagħra li turi pajsaġġ imdallam bl-għoljiet u xi bini fuqhom. Il-figura ta' Kristu msallab hija statwa tal-istatwarju Wistin Camilleri minn Victoria.

Il-pittura ta' San Mikiel, xogħol l-artist Malti tà nisel Għawdxi Antonio Falzon u sar fl-1844. Turi lill-arkanġlu fin-nofs bix-xitan taħtu, u li fiha eżekuzzjoni u l-poża xi ftit differenti mis-soltu. San Mikiel għandu idu x-xellugija mgħollija 'l fuq tipponta lejn is-sema, fil-waqt li bl-oħra qiegħed iżomm sejf ippuntatt l-isfel. Ilbiesu, korazza tal-metall minn fuq s'isfel, jfakkar l-ilbies tal-kavallieri tal-leġġendi arturjani. Ix-xitan ta' taħtu jidher imfantas, mhux irrabbjat ħafna jew iddisprat u jgħajjat bħalma jiġi mpinġi s-soltu. F'idejh għandu l-furkettun, simbolu li għalkemm mirbuh, xorta waħda jibqa' jattakka.

Is-saqaf ta' din il-kappella ukoll huwa mpitter fis-sena 1981 mill-pittur Antonio Apap mix-Xagħra. Is-saqaf ta' din il-kappella ukoll huwa Fih tidher il-viżjoni li kellu San Xmun Stock meta dehritlu l-Madonna u tatu l-labtu. Hija kopja ta' pittura li tinsab

ġewwa *La scuola del Carmine* f'Venezja, fl-Italja. Fil-pennakki jidhru erba' qaddisin karmelitani, Santa Teresa ta' Ġesú, Sant'Anġlu Merici, Sant Albertu u San Tumas Martri.

Interessanti ferm huwa kwadru li qiegħed mal-gallarija tal-orgni fil-knisja. Huwa kwadru antik ta' stil barokk. Juri

l-konċepiment bla tebgħa tal-Madonna, u huwa simili ħafna għall-kwadru ta-knisja kolleġġjata ta' Bormla, tant li hemm min jaħseb li dan jista' jkun il-buzzett tiegħu. Mhux magħruf meta sar u min



Pittura ta' San Mikiel




Kristu Msallab

għamlu.

l-knisja tkun miftuħa kuljum. Din il-knisja tintuża wkoll bħala ċ-ċentru tal-Moviment Ewkaristiku ta' Għawdex.

Kitba ta' Fr Jonathan Farrugia
informazzjoni meħuda mis-sit
www.kappellimaltin, bil-permess
Ritratti Norbert Gingell